MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 316/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fl-22 ta' April 2003, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet

serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelbrat fit-22 ta’ April, 2003 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali, u b’mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (c), (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine pprezentata fl-1 ta’ Dicembru, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' l-attrici, u semghetha in kontro-ezami.

Rat l-affidavits ta' omississ.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' April, 2003 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut nomine ma setax jaghmel kuntatt mal-konvenut u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jressaq provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew*
*sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut nomine ghandu r-responsabilita' li ghandu.

L-attrici ma ndikatx xi sub-inciz partikolari izda mill-kliem uzat fic-citazzjoni ghamlet riferenza ghas-segwenti;

*19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .*

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiet izzewgu ftit xhur wara li saru jafu lil xulxin – l-attrici lanqas biss informat lill-genituri taghha x'kienet ser taghmel u qalilhom biss li ser tmur tghix ghal rasha. Dan ghaliex skond hi, l-genituri taghha huma pjuttost *razzisti* u kienu zgur joggezzjonaw li ser tizzewweg persuna minn pajjiz Afrikan. Wara li zzewgu marru joqghodu f'appartament u wara gimgha l-konvenut telaq u ma tafx x'sar minnu. Ftit hemm dubbju allura li l-konvenut izzewweg biex ikun jista' jkollu staffa biex joqghod Malta u ma jitkecciex. L-attrici ma jidhirx li kienet komplici f'dan.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-22 ta' April, 2003. L-ispejjes ikunu a kariku tal-konvenut izda l-attrici ghandha thallas provizorjament l-ispejjes u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------